MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru 369/2007/2

**Il-Pulizija**
**(Spt. Domenic Micallef)**
**(Surgent Dr. Jason Grima)**
**Vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Marzu, 2007, ghall-habta ta’ 03.45 pm gewwa triq St. Lucia, Valletta :

1. kisret il-bon ordni w l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
2. ingurjat jew hedded bi kliem lil Omissis 1, Omissis 2 w Omissis 3;
3. qalet kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

4. hebbet ghal Omissis 2 sabiex tingurjha, ddejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna w kkagunatilha griehi hfief skond kif iccertifika Dr. D. Fenech (FHC MR 2555).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(d)(d), 339(e), 338(b)(b), 342, 339(1)(d) u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha w ghaldaqstant ikkundannatha ghal gimghatejn (2) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 t'Ottubru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn il-Qorti sabet hatja lill-appellanti w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal piena ta' gimghatejn detenzjoni w minflok tapplika piena aktar lenjanti. (Sic!)

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti hu li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet manifestament esagerata fic-cirkostanzi u tipperikola serjament lill-appellanti kemm mil-lat psikologiku , mill-lat edukattiv stante li hi ghadha studenta f' livell sekondarju, kif ukoll mill-lat ta' gustizzja . Dan kien l-ewwel darba li kisret difreejha mal-gustizzja u ma inghatat ebda forma ta' kundanna alternattiva , meta wiehed jikkonsidra n-natura kontravvenzjonali tal-offizi kommessi minnha.

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2007, biex tkun tista' tifhem ahjar il-gravita' u l-portata tal-incident;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-mertu ut sic u f' kull kaz mid-depozizzjonijiet ta' Omissis 1 u Omissis 2, l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti jirrizultaw abbondantement pruvati. Minn dawn ix-xhieda johrog li l-appellanti flimkien ma terzi ghal xejn, b' xejn daret maz-zewg xhieda, offendiethom, insolentathom, ghamlet storbju, tkellmet oxxen u addirittura aggrediet u habtet ghax-xhud Omissis 2 , f' kaz tipiku ta' dak li qed jissejjah "*girl violence"* li ghalkemm mhux daqshekk komuni f' Malta, qed jerfa' rasu f' pajjizi ohra.

Illi l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda biss l-piena erogata mill-Ewwel Qorti .Din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Di fatti meta l-appellanti kkommettiet ir-reati in kwistjoni kienet ghalqet it-tlettax il-sena w kienet waslet biex taghalaq l-erbatax il-sena fi ftit jiem ohra. Ghalhekk kien applikabbli ghaliha l-artikolu 36 tal-Kodici Kriminali li jghid li l-minuri ta' taht l-erbatax il-sena izda 'l fuq minn disa' snin, ghar-reati li jaghmlu bil-hazen, jehlu meta jinstabu hatja, l-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. Pero' il-ligi tmur oltre u bl-emendi li dahlu fis-sena 2002, meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tieghu, l-gravita' tal-fatt li tieghu instab hati w l-grad tal-hazen muri mill-hati kif jidher mill-eghmil tieghu li bih sar ir-reat u mic-cirkostanzi kollha tar-reat, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet ma jkunux dawk xierqa, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena stabblita ghar-reat imnaqqsa bi tlitt gradi b' dan li f' ebda kaz il-piena ma ghandha tkun ghal aktar minn erba snin prigunerija.

Issa l-piena ghall-ewwel tlitt kontravvenzjonijiet kommessi mill-appellanti kienet wahda li tvarja minn dik massima ta' xaharejn detenzjoini ghall-wahda ta' ammonizzjoni u reprensjoni, b' dana li in vista tal-konkors tar-reati setghet anki tkun oghola minn hekk, mentri l-piena ghar-raba' imputazzjoni ta' offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis 2 setghet addirittura tkun wahda ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa. Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma kienet teccedi l-parametri tal-ligi.

B' dana kollu din il-Qorti tara li f' dan il-kaz il-piena restrittiva tal-liberta' ma kienetx wahda indikata, trattandosi ta' tfajla ta' eta' tenera ferm u li s'issa ghandha kondotta w fedina penali netta. Jidher ukoll li din it-tfajla x' aktarx li ghandha problemi w ghalhekk ghandha bzonn ghajnuna biex forsi tinqata' mill-kumpanija li qed taghmilha maghha w tigi indirizzata fit-triq ta' agir responsabbli w tigi mghallma *"life skills"* li jwassluha biex tegheleb xi mankanza jew diffikulta' li ghandha minnflok ma tirribella kontra s-socjeta' kif jidher li qed taghmel bl-inkorragiment tal-"*pack"* li taghmilha maghhom.

Ghalhekk, wara li rriflettiet fit-tul dwar x' l-ahjar isir, u fil-waqt li tifhem li x' aktarx l-Ewwel Qorti, bil-piena erogata, riedet taghti taghlima lill-appellanti, ben konxja li din it-taghlima tista' tigi kalibrata in ultima analisi minn din il-Qorti t' appell, din il-Qorti tara li hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena kif ser jinghid.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan hu l-kaz klassiku fejn il-Qrati ghandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Probation kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li l-hati jigi rekuperat mill-hajja tad-delinkwenza gjovanili w stradat fit-triq it-tajba minn ufficjali kompetenti w dedikati li jiffurmaw parti mill-korp tal-Probation Officers.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament, billi tiriforma s-sentenza appellata billi tikonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-erba imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w tirrevokaha fejn ikkundannata ghal gimghatejn detenzjoni w minnflok,

wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 , qed taghmel ordni ta' probation li jkun jihtieg li l-appellanti titqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-periodu ta' tlitt snin taht il-kondizzjonijiet l-ohra kollha li jidhru fl-Ordni ta' Probation  anness ma din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------